A.L. 123 ta' l-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tax-Xjenza;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma fil-qasam ta' studju rilevanti; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors ikun offrut f'kull qasam ta' studju li jaqa' taħt ir-responsabbilità akkademika tal-Bord fejn il-Fakultà tista' toffri tagħlim avvanzat, gwida speċjalizzata u superviżjoni, skond ir-riżorsi disponibbli, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) il-grad ta' Bachelor of Science miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju li l-Bord iqis bħala rilevanti għall-qasam ta' studju propost u miksub fl-aħħar 10 snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Science miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju li l-Bord iqis bħala rilevanti għall-qasam ta' studju propost u miksub fl-aħħar 10 snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors, sakemm li l-applikanti jkunu kisbu kwalifiki oħra, li jinkludu esperjenza rilevanti, wara l-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom. Il-Bord jista' jitlob, fid-diskrezzjoni tiegħu, lil dawn l-applikanti jsegwu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5.

(2) Il-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jirrakkomanda wkoll id-dħul ta' applikanti li għandhom Bachelor of Science miksub tal-anqas f'Kategorija II f'qasam ta' studju li l-Bord iqis bħala rilevanti għall-qasam ta' studju propost u miksub fl-aħħar 10 snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors, sakemm li d-dħul ta' dawn l-applikanti jkun skond ir-rizultat miksub wara intervista u f'dawn il-każijiet huma jkunu meħtieġa li jsegwu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5.

(3) Il-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jirrakkomanda wkoll id-dħul ta' applikanti bi grad tal-ewwel ċiklu li l-Bord iqis bħala rilevanti għall-qasam ta' studju propost u miksub fl-aħħar 10 snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors, sakemm li d-dħul ta' dawn l-applikanti jista' jkun skond ir-riżultat wara intervista u f'dawn il-każijiet huma jistgħu jkunu meħtieġa li jsegwu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5.

(4) L-Applikanti li jkunu kisbu l-ewwel grad aktar minn 10 snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors jistgħu jidħlu wkoll wara li jkunu għamlu intervista biex tkun evalwata l-kapacità tagħhom li jsegwu l-Kors. Il-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jitlob lil dawn l-applikanti biex isegwu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5.

Il-Programm Preparatorju

5. (1) Il-programm preparatorju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 kredtu u mhux aktar minn 60 kredtu u jkun immexxi mir-Regolamenti Prinċipali.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa jtemmu b'suċċess il-programm preparatorju b'marka medja ta' 55% jew aħjar qabel ma jirreġistraw għall-Kors.

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

7. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu.

8. Il-programm ta' studju għal kull qasam ta' studju offrut fil-Kors jista' jkun jew prinċipalment mgħallem jew prinċipalment bir-riċerka.

9. Il-programmi ta' studju prinċipalment mgħallma għandhom jikkonsistu minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 60 kredtu u 30 kredtu assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

10. L-istudenti li jiksbu s-60 kredtu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma fil-qasam ta' studju rilevanti.

11. Il-programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka għandhom jikkonsistu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 90 kredtu, li minnhom mhux aktar minn 30 kredtu huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u mhux anqas minn 60 kredtu huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

12. (1) Il-programm ta' studju għall-Grad bir-riċerka għandu jkun imħejji mill-Bord għal kull student individwali fuq il-parir tad-dipartiment ikkonċernat.

(2) Il-programm ta' studju għall-Grad mgħallem għandu jkun ippubblikat mill-Bord wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

13. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sa l-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn żewġ taqsimiet studju mgħallma, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn taqsima studju waħda jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' taqsimiet studju permess skond il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjonijiet fi Programmi ta' Studju Prinċipalment Mgħallma

14. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment mgħallma, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' mhux aktar minn 25,000 kelma skond il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur prinċipali li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) L-istudenti jkunu meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-supervizur tagħhom.

(4) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-bidu tat-tieni semestru.

Id-Dissertazzjonijiet fi Programmi ta' Studju Prinċipalment bir-Riċerka

15. Fi programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 50,000 kelma skond il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

16. It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord fiż-żmien tal-applikazzjoni.

17. Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta. Kull student ikun assenjat superviżur prinċipali li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

18. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: il-kap tad-dipartiment bħala *chairman*, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur prinċipali, sakemm li meta l-kap tad-dipartiment ikun is-superviżur prinċipali, huwa ma jkunx maħtur *chairman*.

(2) Il-Panil ta' Superviżjoni għandu jsegwi, skond kif jidhirlu xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, sakemm li jiltaqa' għall-anqas darba kull sitt xhur biex jirrevedi l-progress.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jiltaqgħu mas-superviżur prinċipali tagħhom mill-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk aktar spiss jekk is-superviżur jidhirlu li dan hu meħtieġ.

(4) Is-superviżuri prinċipali huma meħtieġa li jagħtu lill-Panil ta' Superviżjoni rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudenti qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *full-time* jew *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jimmodifikaw it-titlu u/jew il-kontenut tad-dissertazzjoni; (b) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (ċ) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur prinċipali jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(b) tkun skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skond (ċ) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

19. Wara l-approvazzjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi, l-istudenti għandhom jippreżentaw tliet kopji tad-dissertażżjoni llegati lid-dipartiment, li waħda minnhom għandha tinżamm fil-Librerija tal-Università, u kopja f'forma diġitali tinżamm bħala dokument elettroniku.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

20. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

21. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

22. Ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Science, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 151 tal-1999, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2008, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2008 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.